MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07/8

It-Tnejn 19 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella - Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

John Mary Calleja – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

007.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

007.2 Ħatra ta’ Bord tal-Għażla;

007.3 Tmiem tal-laqgħa;

----------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Sa Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.35pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**007.1.0 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

007.1.1 Is-Sur Busuttil informa lill-Kunsill illi s-Sur John Mary Calleja bagħat imejl biex jiskuża ruħu li ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba impenji oħra u għalhekk ġie kkunsidrat bħala assenti b’apoloġija.

Is-Sur Busuttil informa lill-Kunsill illi s-Sur Mark Anthony Sammut kien avvża lill-Kunsill f’ laqgħa numru 3 li se jkun imsiefer u għalhekk ġie kkunsidrat ukoll bħala assenti b’apoloġija.

**007.2.0 Ħatra ta’ Bord tal-Għażla**

007.2.1 Is-Sindku Sa Marija Sara Vella spjegat l-iskop tal-Bord tal-Għażla biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv. Hi ddikjarat li se tkun iċ-Chairperson tal-bord u li s-Segretarja se tkun is-Sa. Lianne Mifsud.

Is-Sa Vella nnominat lis-Sur Stefan Caruana kif ukoll lis- Sa. Maria Micallef biex ikunu membri flimkien ma’ persuna esterna li huwa s-Sur Adrian Mifsud.

Is-Sur Stefan Caruana xtaq jirrimarka li l-ħatra tal-bord riedet issir qabel tinħareġ is-sejħa u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qallu iva u li kien nuqqas però l-importanza hu li l-bord ikun kompost qabel jibda l-proċess ta’ shortlisting.

Is-Sur Stefan Caruana u s-Sa. Maria Micallef aċċettaw li jkunu membri f’dan il-bord.

**007.3.0** **Tmiem tal-laqgħa**

007.3.1 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6.15pm.

Konfermati, illum ________________________

Marija Sara Vella
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv